MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1336/2002

Kawza fil-lista: 31

**A B**
**vs**
**CD B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur kien ibati minn marda psikologika serja illi minhabba fiha huwa ma setax jifhem l-import u l-konsegwenzi tal-agir tieghu, ma setaz jaghti kunsens shih u liberu u ma kienx kapaci biex jikkuntratta, u dan kif se jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi waqt illi kien qieghed ibati mill-imsemmija marda psikologika, l-attur kien ikkuntratta, flimkien mal-

konvenuta, kuntratt ta' separazzjoni illi gie ppublikat fis-16 t'Ottubru, 1997, att ta' rexissjoni pubbblikat fl-14 ta' Novembru, 1997 u att iehor li jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni pubbblikat fis-17 ta' Novembru, 1997, ilkoll iskritti fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge;

Peress illi fil-mument illi l-attur iffirma l-imsemmija kuntratti, huwa ma kellux il-kapacita' li jikkuntratta u l-kunsens tieghu ghall-imsemmija kuntratti kien vizzjat ghar-ragunijiet fuq premessi, u ghaldaqstant elementi kardinali ghall-validita' ta' kuntratt skond il-ligi kienu karenti;

Peress ukoll illi l-konvenuta kellha xjenza tal-marda psikologika illi kien qieghed ibati minnha l-attur izda insistiet illi jigu ppublikati l-imsemmija kuntratti minhabba fil-fatt illi kien gie akkumulat dejn kbir fil-kors tal-gestjoni tan-negozju tal-kontendenti u l-konvenuta riedet illi jigu ppubblikati l-imsemmija kuntratti unikament bl-iskop illi tipprotegi l-interessi taghha u sabiex tassigura illi l-kredituri ma jkunux jistghu jinforzaw il-krediti taghhom;

Peress illi ghaldaqstant l-imsemmija kuntratti huma nulli wkoll minhabba illi l-kawza tal-imsemmija kuntratti kienet wahda falza;

Peress illi ghaldaqstant l-imsemmija kuntratti huma nulli u bla effett skond il-ligi;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi fil-mument illi gew kuntrattati l-kuntratt ta' separazzjoni illi gie ppublikat fis-16 t'Ottubru, 1997, l-att korrettorju ppublikat fit-18 t'Ottubru, 1997, l-att ta' rexissjoni ppublikat fl-14 ta' Novembru, 1997, u l-att li jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni pubbblikat fis-17 ta' Novembru, 1997, ilkoll iskritti fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge, l-attur ma kienx kapaci li jikkuntratta;

2. tiddikjara illi l-kunsens tal-attur moghti ghall-kuntratt ta' separazzjoni illi gie ppublikat fis-16 t'Ottubru, 1997, l-att korrettorju ppublikat fit-18 t'Ottubru, 1997, l-att ta' rexissjoni ppublikat fl-14 ta' Novembru, 1997, u l-att li jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fis-17 ta' Novembru, 1997, ilkoll iskritti fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge, kif ivvizjat;

3. tiddikjara illi l-kawza tal-kuntratt ta' separazzjoni illi gie ppublikat fis-16 t'Ottubru, 1997, l-att korrettorju ppublikat fit-18 t'Ottubru, 1997, l-att ta' rexissjoni ppublikat fl-14 ta' Novembru, 1997, u l-att li jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fis-17 ta' Novembru, 1997, ilkoll iskritti fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge, hija wahda falza u simulata;

4. konsegwenti tiddikjara illi l-kuntratt ta' separazzjoni illi gie ppublikat fis-16 t'Ottubru, 1997, l-att korrettorju ppublikat fit-18 t'Ottubru, 1997, l-att ta' rexissjoni ppublikat fl-14 ta' Novembru, 1997, u l-att li jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fis-17 ta' Novembru, 1997, ilkoll iskritti fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge, huma nulli u minghajr ebda effett fil-ligi;

5. tordna r-rexissjoni tal-imsemmija kuntratti, u cioe' l-kuntratt ta' separazzjoni illi gie ppublikat fis-16 t'Ottubru, 1997, l-att korrettorju ppublikat fit-18 t'Ottubru, 1997, l-att ta' rexissjoni ppublikat fl-14 ta' Novembru, 1997, u l-att li jemenda l-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fis-17 ta' Novembru, 1997, ilkoll iskritti fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge;

6. tahtar kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-konvenuta fl-eventwalita' ta' kontumacja; u

7. tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-appoziti atti ta' rexissjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet li

1. Illi ma hu veru xejn illi l-mard tal-attur affettwalu l-hsieb jew id-diskrezzjoni tieghu fil-perjodu rilevanti;

2. Illi hija ghal kollox infondata l-allegazzjoni illi l-konvenuta ghamlet xi forma ta' pressjoni fuq l-attur biex isiru l-kuntratti li jsemmi l-attur u li llum jixtieq jirrexxindi;

3. Illi l-kawza f'tali kuntratti kien proprju illi l-attur ried jissepara l-proprjeta minn ma martu u l-ebda kawza ohra;

4. Illi dan il-kuntratt sar quddiem in-Nutar Roland Wadge illi kien jaf lill-attur u kien ghamel diversi kuntratti ohra fejn l-attur kien wiehed mill-partijiet involuti, kemm f'ismu proprju kif ukoll in rapprezentanza ta' socjeta', u n-Nutar Roland Wadge ma kien qatt jaghmel dan il-kuntratt kieku kellhu l-icken suspett illi l-attur ma setghax jifhem l-import u l-konsegwenzi tal-agir tieghu;

5. Forsi huwa simptomatiku wkoll illi n-Nutar Wadge kien in-Nutar li quddiemu saru l-affidavits annessi mac-citazzjoni izda dwar dan jinghad izjed waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob r-rexissjoni tal-kuntratti, indikati fl-att tac-citazzjoni, li li hu kien ghamel mal-konvenuta martu sabiex jitterminaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, jkun hemm separazzjoni tal-beni u l-assenjazzjoni ta' sehemu mill-proprjeta' indikata lill-konvenuta.

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Fis-sena 1982 meta allura l-attur kien impjegat mal-Gvern huwa skopra li kien qed ibati minn Wilson's Disease li hija marda li taffettwa s-soft tissues tal-gisem, inkluz allura l-mohh. Konsegwentement fis-sena 1984 huwa kien gie boarded out minn mal-Gvern meta kien ghad kellu 26 sena, u sussegwentement beda jahdem bhala airport representative ma' kumpanija lokali. Fis-sena 1996 hu u martu waqqfu kumpanija bl-isem Highflyer Services, u l-attur issellef diversi somomom ta' flus minn banek differenti sabiex imexxi dan in-negozju inkluz ix-xiri tal-post f' Paola li kellu jkun l-ufficju registrat tal-kumpanija. Iz-zewg diretturi tal-kumpanija kienu l-kontendenti.

Illi qabel ma ha s-self bankarju u facilita' overdraft fis-26 ta' Novembru 1997, fis-17 ta' Jannar 1998 u fil-15 ta' Mejju 1998, l-attur kien inghata parir minn ufficjal tal-bank sabiex il-konjugi B jaghmlu s-separazzjoni tal-beni taghhom, u l-attur assenja s-sehem tieghu fuq martu l-konvenuta. Dan fil-fatt sar permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.Ronald Wadge pubblikati fis-16 u fit-18 ta' Ottubru 1997 u fl-14 ta' Novembru 1997. Skond l-imsemmi Nutar, l-attur kien qallu li l-iskop tieghu kien li jakkwista home loan fuq ismu proprju, peress li diga' kellhom id-dar matirmonjali taghhom, u b' hekk kienu jibbenefikaw minn rata ta' interessi aktar baxxa minn dik kummercjali.

Illi jidher li n-negozju tal-kumpanija ma rnexxiex, bir-rizultat li kien gie akkumulat dejn kbir. Fl-affidavit tieghu l-attur itemm jghid li huwa spicca b' xejn filwaqt li l-konvenuta kienet baqghet tghix fid-dar matrimonjali. Jidher li sussegwentement, inqala' disgiwd bejn l-attur u l-konvenuta u l-attur ippromwovi dawn il-proceduri sabiex jannulla l-kuntratt ta-separazzjoni tal-beni.

Illi l-bazi fattwali tal-pretensjoni tal-attur hija fis-sens li hu kien ilu ibati mill-imsemmija marda mis-sena 1982, u matul il-perijodu kollu sas-sena 1999 huwa kien jiehu u eventwalment kien jabbuza b' mod qawwi mill-painkillers stante l-ugigh kroniku li kien ikollu, tant li kif jirrizulta mix-xhieda medika, u senjatament minn dik tal-psikjatra

Dr.Joseph Spiteri, dawn kienu qed jiddisturbaw l-istat mentali tieghu. Rigward il-marda, l-istess psikjatra spjega li dina kienet qed tikkaguna hypomania li tigi riflessa fl-imgieba tal-pazjent f' sens li dan ikollu deluzjonijiet ta' grandezza, li hadd ma jista' ghalih u jaghmel dak li jidhrilu hu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-attur qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq zewg kawzalijiet: l-inkapacita' tieghu li jikkuntratta fiz-zmien li saru l-kuntratti sureferiti; u l-falsita' tal-kawza tal-istess kuntratti.

Illi l-ewwel kawzali ssib il-bazi legali taghha fid-dispost tal-Artikolu 968 li jistipula n-nullita' ta' kuntratt maghmula minn persuna li "m' ghandhiex l-uzu tar-raguni". Din il-parti tad-disposizzjoni giet interpretata fil-gurisprudenza fis-sens li l-inkapacita' naturali, biex tissodisfa l-vot ta' dan l-artikolu, trid tkun wahda assoluta.

Kif jinsab ritenut fil-kawza *PA Salvatore Psaila vs Marianna Parlar [1957] [Vol.XLI.II.975]* l-inkapacita' naturali li wiehed jikkuntratta, a differenza minn dik civili, tissupponi <u>l-impossibilita' naturali li wiehed jikkonsentixxi</u>; u tissejjah ukoll inkapacita' assoluta ghaliex in-nuqqas naturali tar-raguni u tal-volonta' jigib in-nuqqas tal-kunsens, u kwindi l-inezistenza tal-kuntratt.

Ghaldaqstant min jallega l-inkapacita' naturali ta' min jikkuntratta, jehtieglu <u>jipprova rigorozament</u> li dak li kkuntratta, <u>fiz-zmien tal-kuntratt</u> impunjat, ma kellux l-uzu tar-raguni cioe' illi l-infermita' mentali ta' dak il-kontraent <u>kienet kompleta</u> u tali li teskludi fih kull volonta' u kapacita' tal-kunsens, b' mod li hu kien <u>assolutament inkonsapevoli ta' l-atti</u> li kien qieghed jaghmel.

Applikazzjoni tal-premess ghal kaz odjern jwassal ghall-konkluzjoni li, nonostante li jirrizulta fuq bazi ta' probabbilita', li fiz-zmien tal-kontrattazzjoni l-attur kien isofri mill-mard kif fuq indikat, huwa pero' ma kellux dik l-infermita' mentali kompleta li tirrendih "assolutament inkonsapevoli ta' l-atti" li kien qed jaghmel. Ghal kuntrarju l-motivi wara s-separazzjoni tal-beni kien jaghmel sens

finanzjarju, u l-attur kien konsapevoli ta' dan, tant li l-kuntratti relattivi saru ftit jiem qabel ma avvicina l-banek sabiex jaghtuh il-facilitajiet bankarji. Il-Qorti hija konvinta li meta l-attur iffirma l-kuntratti indikati fic-citazzjoni, huwa kien pienament konsapevoli ta' dak li kien qed jaghmel, kif ukoll tal-motivi li spingew il-konjugi ghal dik id-decizjoni.

Ghaldaqstant din il-kawzali ma tirrizultax sostnuta mill-provi, stante li l-vot tal-ligi ma jirrizultax sodisfatt.

F' dan l-istadju mhux inopportuna l-osservazzjoni li, kif jirrizulta mill-att tac-citazzjoni, l-attur ittanta jorbot din il-kawzali ukoll mal-vizzju tal-kunsens, u ppremetti li "l-kunsens tieghu kien vizzjat ghar-ragunijiet fuq prmessi."

In propositu jigi osservat in vena legali li l-kawzi li jannullaw il-kuntratti fuq vizzju tal-kunsens huma biss dawk elenkati fl-Artikolu 974, u cioe' l-izball, il-vjolenza u l-eghmil doluz. Fil-kaz odjern, ebda wiehed minn dawn il-fatturi ma jiffiguraw, u ghalhekk kull referenza ghall-vizzju tal-kunsens ta' l-attur bhala bazi legali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi t-tieni kawzali promossa mill-attur hija dik bazata fuq il-falsita' tal-kawza tal-kuntratt. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li din il-kawzali, ghalkemm indikata alternattivament, iddghajjef serjament il-bazi legali li fuqha hija msejsa l-ewwel kawzali; ghax jew l-attur kien mentalment inkapaci li jidhol fil-kuntratti li ghamel, jew inkellha tant kien mentalment kapaci li sahansitra kellu l-fakolta' mentali li eskogita kawza falza. Izda, apparti minn din il-konsiderazzjoni, il-Qorti ma tara ebda kawza falza fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni u dak sussegwenti tal-assenjazzjoni. Jirrizulta car mill-provi li l-kawza sottostanti dawn il-kuntratti kienet li ssir separazzjoni tal-beni bejn il-konjugi u assenjazzjoni ta-sehem ta' l-attur minn dawn il-beni. Din kienet il-kawza tal-kuntratti li saru, u sar proprju hekk; ma hemm ebda falsita' f' dan ir-rigward. Jigi osservat li l-motiv ulterjuri li kellhom il-koppja sabiex jigu agevolati fil-facilitajiet bankarji li kienu ser jottjenu sussegwentment, huwa rrielevanti ghal din il-veretenza,

ghax ma tirrendix il-kawza ta' dawn il-kuntratti bhala wahda falza.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici huma nfondatati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------